# Bord li Jirregola l-Kera

**Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)**

Chairperson

Rikors Nru: 1144/2021 LC

**Isabel Zarb (K.I. 0293764M)**
**Raphael Joseph Camilleri (K.I. 0718057M)**
**Dottor Noel Camilleri (K.I. 0043561M)**
**Caroline Calleja (K.I. 0815351M)**
**Dottor Patricia Zarb (K.I. 0839353M)**
**Raymond Zarb (K.I. 0735255M)**
**Isabelle Grech (K.I. 0282258M)**
**Rose Marie Zarb (K.I. 0365160M)**
**Olga Zarb (K.I. 0238933M)**
**Josephine Felice (K.I. 0673952M)**
**Anton Zarb (K.I. 087755M)**
**Alexander Zarb (K.I. 0701356M)**
**Dottor Chrisopher Zarb (K.I. 0099159M)**
**Godwin Zarb (K.I. 0071363M)**
**Filomena Zarb (K.I. 0420936M)**
**Maria Theresa Fava (K.I. 0317359M)**
**David Zarb (K.I. 0464661M)**
**Miriam Pace Spadaro (K.I. 0138458M)**
**Antoinette Micallef (K.I. 0524262M)**
**Joseph Micallef (K.I. 0524362M)**
**Anna Maria Rizzo (K.I. 0149657M)**
**Dottor Mario Joseph Zarb (K.I. 0262566M)**
**Wilma Zarb (K.I. 0493470M)**
**Dottor Joseph Lia (K.I. 0307361M)**
**Dottor Alexander Lia (K.I. 0301066M)**

*VS*

**GODFREY ATTARD (K.I. 0018451M)**

Illum 13 ta’ Novembru 2023

Il-Bord,

Ra r-rikors ta’ Isabel Zarb et fejn għar-raġunijiet hemm premessi u infraskritti, talbu lil dan il-Bord sabiex:

I. Jistabbilixxi jekk l-intimat Godfrey Attard jikkwalifikax taħt l-Artikolu 4A tal-Kap. 69 biex ikompli jikri l-imsemmi fond li jinsab fi Triq San Gejtanu, Ħamrun, numru 60;

II. Fil-każ li jikkwalifika, jistabbilixxi kundizzjonijiet ġodda u jordna reviżjoni fil-kera sa 2% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta’ abitazzjoni fl-1 ta’ Jannar ta’ din is-sena kurrenti, wara li jiġi stabbilit il-valur tal-istess proprjetà permezz tal-membri tekniċi tal-Bord;

III. Fil-każ li ma jikkwalifikawx, jordna l-iżgumbrament tiegħu fi żmien sentejn bil-kumpens pagabbli lis-sidien tal-kera għall-okkupazzjoni tad-dar ta’ abitazzjoni matul l-imsemmi perjodu kif jiġi determinat mill-Bord skond il-każ;

Bl-ispejjeż kontra l-istess intimat u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju ieħor.

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar tal-1 ta’ Marzu 2022 fejn sommarjament, eċċepiet, fost l-oħrajn li (i) l-atturi jridu jipprovaw t-titolu tagħhom u li huma waħedhom huma s-sidien uniċi tal-fond; (ii)

illi dan il-Bord għandu jikkonstata jekk l-Att XXIV tal-2021 għandux jiġi applikat għal dan il-każ; (iii) peress li l-Awtorità hija intervenuta fil-kawża ai termini tal-liġi, hija m'għandhiex tbati l-ispejjeż tal-preżenti; (iv) il-Periti maħtura bil-liġi għandhom jagħtu l-valur tal-fond liberu u frank fis-suq miftuħ imma kif ikun fl-1 ta' Jannar tas-sena li fiha issir ir-rikors u (v) f'każ li l-inkwilin jissodisfa it-test tal-mezzi, il-kera għandha tiġi fissata f'ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjetà skond il-liġi.

Ra r-risposta ta' Godfrey Attard (K.I. 0018451M) tas-7 ta' Marzu 2022, fejn sommarjament eċepixxa illi: (i) fl-ewwel lok l-esponenti jikkonferma illi huwa jabita fil-fond numru 60, Triq San Gejtanu, Ħamrun b'titolu ta' kera; (ii) illi l-esponenti jirrileva illi l-kera dovuta dejjem tħallset filwaqt li dejjem wettaq l-obbligi tiegħu skond il-liġi; (iii) illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu, l-esponenti jirrileva li huwa għandu mezzi finanzjarji ferm limitati u li prova ta' dan ser ikunu qed jinġiebu fil-mori ta' din il-kawża u li għalhekk għandu jgawdi mill-protezzjoni li tipprovdi l-liġi; (iv) illi fid-deliberazzjoni tal-Bord dwar varjazzjoni tal-kera għandu jittieħed konsiderazzjoni tad-dħul baxx u tant limitat tal-esponenti; (v) illi l-esponenti umilment iħoss li dan il-Bord għandu jasal għal kwalunkwe varjazzjoni fl-ammont jew fil-kundizzjonijiet tal-kera mingħajr ma jordna li l-esponenti jivvaka l-imsemmi fond wara t-terminu ta' sentejn u (vi) l-esponenti jirrimetti ruħu għal proċedura stabbilita fil-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta u fl-Att XXIV tal-2021.

Ra illi in ottemporanza mad-digriet ta' dan il-Bord tal-20 ta' Jannar 2022, l-intimat wettaq it-test tal-mezzi ai termini tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) (Avviż Legali 463 tal-2011).

Ra illi l-Periti Membri tal-Bord, senjatament il-Perit Maria McKenna u l-Perit Alan Galea, ippreżentaw ir-relazzjoni tagħhom;

Ra id-dokumenti kollha eżebiti;

Ikkonsidra;

Illi l-kawża odjerna qegħda ssir ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu jagħti l-fakoltà lis-sid il-kera jadixxi lil dan il-Bord u jitlob żieda fil-kera li ma teċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni, purchè li d-diversi kriterji hemm imsemmija jiġu sodisfatti;

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel żewġ kriterji li dan il-Bord jinneċessita jistabbilixxi qabel ma jipproċedi ulterjorment huma jekk (i) ir-rikorrenti humiex is-sid tal-kera tal-fond in kwistjoni u (ii) jekk l-intimat huwiex l-inkwilin ta' dan l-istess fond.

Illi permezz tal-affidavit[1] tagħha, ir-rikorrenti Isabel Zarb tispjega illi l-fond mertu dawn il-proċeduri kien ġie akkwistat min-nannu patern tagħha, li kien jismu Giuseppe Zarb, u sussegwentement intiret minn seba' uliedu, li illum huma kollha mejta. Ir-rikorrenti, li huma l-aventi kawża tal-imsemmija seba' ulied preżentaw seba' atti ta' Dikjarazzjonijiet Causa Mortis li jikkonfermaw t-titolu tagħhom fir-rigward tal-fond mertu dawn il-proċeduri liem atti huma: l-att[2] ta' Dikjarazzjoni Causa Mortis fl-atti tan-Nutar Dottor Joanne Lia tad-19 ta' Ġunju tas-sena 2019 fir-rigward tar-rikorrenti Raphael Joseph Camilleri u Dottor Noel Camilleri; l-att[3] ta' Dikjarazzjoni Causa Mortis fl-atti tan-Nutar Francis Micallef fir-rigward tar-rikorrenti Dottor Patricia Zarb, Caroline Calleja, Raymond Zarb, Isabelle

[1] Dok. "IZ 1" a fol. 61 tal-atti proċesswali.
[2] Dok. "GZ1" a fol. 30 tal-atti proċesswali.
[3] Dok. "GZ2" a fol. 35 tal-atti proċesswali.

Grech u Rose Marie Zarb; l-att[4] ta' Dikjarazzjoni Causa Mortis fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Lia tas-27 ta' Jannar tas-sena 2000 fir-rigward tar-rikorrenti Olga Zaeb, Josephine Felice, Anton Zarb, Dottor Christopher Zarb, Godwin Zarb u Alexander Zarb; l-att[5] ta' Dikjarazzjoni Causa Mortis fl-atti tan-Nutar Dottor Charles Vella Zarb tas-16 ta' Marzu tas-sena 2013 fir-rigward tar-rikorrenti Filomena Zarb, Maria Theresa Fava, David Zarb u Isabel Zarb; l-att[6] ta' Dikjarazzjoni Causa Mortis fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Lia tas-26 ta' Novembru tas-sena 2020 fir-rigward tar-rikorrenti Miriam Pace Spadaro, Antoinette Micallef, Joseph Micallef; l-att[7] ta' Dikjarazzjoni Causa Mortis fl-atti tan-Nutar Dottor Charles Vella Zarb tas-6 ta' Frar tas-sena 2010 fir-rigward tar-rikorrenti Anna Maria Rizzo, Dottor Mario Joseph Rizzo u Wilma Zarb; u l-att[8] ta' Dikjarazzjoni Causa Mortis fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Carbonaro tad-19 ta' Marzu tas-sena 2023 fir-rigward tar-rikorrenti Dottor Joseph Lia u Dottor Alexander Lia.

Illi ma tressqet ebda prova li tikkontradiċi jew b'xi mod tinnega dan l-istat ta' fatt ikkreat mill-atti appena msemmija, u fid-dawl tal-istess att, il-Bord huwa sodisfatt illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-kera tal-propjetà *de quo*.

Ikkonsidra;

Illi r-rikorrenti fir-rikors promotur jiddikjaraw illi l-fond urban, b'bitħa retroposta, numru 60, Triq San Gejtanu il-Ħamrun, jinsab mikri lill-intimat bil-kera ta' mitejn u ħamsa u tletin ewro (€235) fis-sena, u dana bis-saħħa tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini (Kapitolu 69 tal-Liġijiet

[4] Dok. "GZ3" a fol. 46 tal-atti proċesswali.
[5] Dok. "GZ4" a fol. 28 tal-atti proċesswali.
[6] Dok. "GZ5" a fol. 50 tal-atti proċesswali.
[7] Dok. "GZ6" a fol. 53 tal-atti proċesswali.
[8] Dok. "IZ2" a fol. 62 tal-atti proċesswali.

ta' Malta). L-intimat fir-risposta tiegħu jiddikjara li huwa jabita fil-fond numru 60, Triq San Gejtanu, Ħamrun, b'titolu ta' kera, liem dikjarzzjoni ġiet kkonfermata bil-ġurament tiegħu fl-affidavit[9] tiegħu.

Illi fid-dawl tal-fatt illi d-dikjarazzjoni tar-rikorrenti illi l-intimat huwa l-inkwilin ma ġietx ikkontestata, anzi kkonfermata mid-dikjarazzjoni tal-intimat stess, il-Bord huwa sodisfatt li l-intimat Godfrey Attard, huwa effettivament l-inkiwlin tal-fond *de quo.*

Ikkonsidra;

Illi mid-dokumenti preżentati fir-rigward tat-test tal-mezzi jirriżulta illi d-dħul ta' Godfrey Attard, kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(a), 8 u 9 tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), **ma jaqbiżx** dak stipolat mir-Regolament 5(6) tal-istess Regolamenti. Għar-rigward tal-kapital ta' Godfrey Attard, kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b), 8 u 9 tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), jirriżulta li **lanqas dan ma jaqbeż** dak stipolat mir-Regolament 6(5) tar-Regolamenti msemmija.

Illi ma ġiet mressqa ebda prova quddiem il-Bord rigward l-applikazzjoni tar-Regolamenti 5(8) u 6(7) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u b'hekk, dan il-Bord ma jara ebda raġuni għalfejn għandu jiddipartixxi mill-kriterji stabbiliti fir-regolamenti 5 u 6 appena ċitati.

B'hekk, il-Bord qiegħed isib illi Godfrey Attard **ma jeċċedix** il-kriterji stabbiliti bir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u konsegwentement jissodisfa l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi ai termini tal-Artikolu 4A (5) tal-Kap. 69 tal-

[9] Dok. "ED" a fol. 57 tal-atti proċesswali.

Liġijiet ta' Malta. B'hekk, m'hemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4A (4) tal-istess Kap.

Ikkonsidra;

Illi mir-rapport redatt mil-Periti tal-Bord jirriżulta illi l-fond in kwistjoni jikkonsisti minn dar fuq żewġ livelli inkluż l-arja. Il-faċċata tad-dar hija sitt metri wiesgħa fuq kull sular u hija waħda mibnija bil-ġebel u b'aperturi tal-injam, ħlief waħda ta' l-*aluminium* gold. Il-finituri tad-dar huma qodma iżda fi stat pjuttost tajjeb ta' manutenzjoni in ġenerali, ħlief f'xi kmamar fejn iż-żebgħa mal-ħajt għandha bżonn ta' manutenzjoni.

Illi l-Periti tal-Bord, wara li kkonsidraw il-fatturi kollha msemmija fir-rapport tagħhom, li jinkludu l-lokalità, it-tip, il-kondizzjoni tal-propjetà u l-iskemi ta' bini eżistenti applikabbli fuq is-sit, jistmaw il-propjetà fl-1 ta' Jannar 2021 fl-ammont ta' ħames mitt elf ewro (€500,000).

Ikkonsidra;

Illi fl-ikkalibrar tal-awment tal-kera kif mitluba mir-rikorrenti, dan il-Bord ser iżomm quddiem għajnejħ dak mgħallem mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**[10]**,** fejn analiżżat l-għan tal-emendi introdotti bl-Att XXVII tal-2018 (u kwindi anke dawk introdotti bl-Att XXIV tal-2021), fejn irrietniet illi:

> *"il-Qorti tikkonkludi li d-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi fil-liġi kienu maħsuba biex jindirizzaw u joħolqu bilanċ bejn il-jeddijiet tas-sidien li altrimenti kienu ser jibqgħu jirċievu ħlas ta' kera irriżorju għall-proprjetà tagħhom wara li ilhom*

[10] **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 3 ta' Frar 2021, (Appell Nru 126/2018/LM).

> *imċaħħda minnha snin, u l-jeddijiet tal-inkwilini li jibqgħu jgħixu fid-dar li ilhom snin jagħrfu bħala r-residenza ordinarja tagħhom"*

Illi tenut kont ta' dak kollu appena espost, kif ukoll tal-mezzi tal-intimat u tal-età tiegħu, il-Bord jemmen li l-awment fil-kera għandu jkun fl-ammont ta' 2% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond *de quo*.

Dan ifisser li l-kera għandha togħla għal-ammont ta' għaxart elef ewro (€10,000) fis-sena.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi:

1. Jiddikjara illi l-intimat Godfrey Attard jikkwalifika taħt l-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex ikompli jikri il-fond urban, b'bitħa retroposta, numru 60, Triq San Gejtanu, Ħamrun.

2. Jilqa' t-tieni talba u jordna illi l-kera tal-fond urban, b'bitħa retroposta, numru 60, Triq San Gejtanu, Ħamrun, għandha tiġi riveduta għall-ammont ta' 2% tal-valur tal-fond fis-suq miftuħ fl-1 ta' Jannar 2021 u konsegwentement jawmenta l-kera pagabbli mill-intimat Godfrey Attard għall-ammont ta' għaxart elef Ewro (€10,000) fis-sena, u jordna lill-istess intimat iħallas lir-rikorrenti *in solidum* il-kera hekk awmentata b'effett mid-data tal-lum bħala d-data tas-sentenza u dan bil-modalità ta' erba' skadenzi fis-sena, ċioè fl-ewwel ta' Jannar, April, Lulju u Ottubru ta' kull sena.

3. Jiċħad it-tielet talba stante illi l-intimat jissodisfa il-kriterji tat-test tal-mezzi.

4. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat u tal-Awtorità' intervenuta sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak li ġie deċiż hawn fuq.

Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**